KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 22

**It-Tlieta 24 ta' Frar 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 22.1 Qari tal-Apoloġiji

22.1.1 Is-SE informa li kien irċieva l-ittra tal-Kunsillier Antoine Vella.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżenta l-minuti tal-laqgħa numru 21 li kienu meqjusa moqrija

22.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 22.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li fil-jiem li għaddew saru l-intervisti għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv. Huwa spjega li għal din il-kariga kienu applikaw żewġ kandidati u li l-proċess tal-intervisti sar skont il-proċeduri stabbiliti. Is-Sindku żied li wara li jiġi konkluż il-proċess ta' evalwazzjoni, il-Kunsill jiġi infurmat bl-iżviluppi li jmiss.

22.3.2 Is-Sindku informa wkoll li bdew il-preparamenti relatati mal-Military Mtarfa. Huwa spjega li bħalissa qed isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex l-attività tkun organizzata kif suppost u biex tiġi żgurata parteċipazzjoni tajba mill-komunità.

22.3.3 Barra minn hekk, is-Sindku informa li bdiet ukoll l-inizjattiva ta' tqassim ta' Fire Blankets u First Aid Boxes lir-residenti. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tkompli ttejjeb is-sigurtà fid-djar u tqajjem aktar għarfien dwar miżuri ta' prevenzjoni u għajnuna f'każ ta' emerġenza.

## 22.4 Segretarju Eżekuttiv

22.4.1 Is-Sindku informa li, wara li saru l-intervisti, il-Bord tal-Għażla għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Huwa spjega li l-persuna li ġiet magħżula għall-kariga ġiet infurmata, iżda din infurmat lill-Kunsill li kienet qed tirtira n-nomina tagħha.

Is-Sindku kompla jispjega li, sussegwentement, il-Kunsill għadda għall-kandidat li ġie fit-tieni post. Madankollu, din il-persuna infurmat lill-Kunsill li sadanittant kienet sabet impjieg ieħor u għalhekk ma setgħetx taċċetta l-kariga.

Għaldaqstant, il-Kunsill kellu jsejjaħ laqgħa sabiex jiddiskuti u jistabbilixxi t-triq 'il quddiem fir-rigward ta' din il-ħatra. Sakemm ikun hemm komunikazzjoni jew deċiżjoni oħra, ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv attwali għandu jibqa' jaqdi din il-kariga temporanjament.

## 22.5 Mtarfa Clubhouse

22.5.1 Is-Sindku staqsa lill-amministrazzjoni sabiex tipprovdi aġġornament dwar il-pagamenti li saru fir-rigward tal-kirja tal-Club House, b'mod partikolari dwar l-ammonti li għadhom pendenti. Dan sar fid-dawl tal-fatt li kien hemm xi pagamenti li kienu għadhom ma sarux u l-Kunsill xtaq ikun infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li s'issa tħallset nofs il-kirja dovuta. Huwa spjega wkoll li, l-aħħar pagament sar wara l-attività "Pjazza għal Pjazza".

Wara diskussjoni qasira dwar is-suġġett, il-Kunsilliera qablu li jkun xieraq li jintbagħat email ta' tfakkira urġenti lill-parti konċernata sabiex isir pagament ieħor mill-aktar fis possibbli. Dan sar minħabba l-fatt li dalwaqt ikun dovut pagament ieħor u, jekk il-ħlasijiet ma jsirux fil-ħin, il-pendenzi jistgħu jkomplu jiżdiedu u joħolqu diffikultajiet amministrattivi u finanzjarji għall-Kunsill.

## 22.6 Military Mtarfa

22.6.1 Is-Sindku spjega li l-preparamenti relatati mal-attività tal-Military Mtarfa diġà bdew jieħdu forma u li bħalissa qed isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex l-attività tkun organizzata kif suppost. F'dan il-kuntest, huwa ppreżenta lill-membri tal-Kunsill programm preliminari (draft) ta' dak li huwa ppjanat li jsir matul l-attività, sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti u jagħti l-kummenti tiegħu dwar l-organizzazzjoni proposta.

Is-Sindku żied ukoll li ġie identifikat u magħżul koordinatur sabiex jieħu ħsieb jikkoordina l-attività kollha. Dan sar fid-dawl tal-fatt li l-attività mistennija ssir fuq skala akbar mis-soltu u għalhekk hemm il-bżonn ta' koordinazzjoni aktar strutturata bejn il-partijiet involuti.

Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-proposta tas-Sindku u esprimew l-appoġġ tagħhom sabiex jitkompla x-xogħol preparatorju skont il-pjan ippreżentat.

## 22.7 Rapport Finanzjarju

22.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju tal-Kunsill, fejn daħal fid-dettall dwar id-dħul u n-nefqa tal-Kunsill matul is-sena finanzjarja 2025. Huwa spjega kif ġew allokati r-riżorsi finanzjarji tal-Kunsill u ta spjegazzjoni dwar l-oqsma ewlenin fejn saru l-ispejjeż kif ukoll dwar is-sorsi prinċipali tad-dħul.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li, mill-analiżi li saret, il-Kunsill jinsab finanzjarjament miexi fid-direzzjoni t-tajba. Huwa enfasizza li l-amministrazzjoni tal-Kunsill żammet mad-direzzjonijiet u l-linji gwida mogħtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u li l-operat finanzjarju qed jitmexxa b'mod prudenti u skont il-proċeduri stabbiliti.
Peress li ma saru l-ebda mistoqsijiet jew kummenti mill-membri tal-Kunsill dwar dan ir-rapport, il-laqgħa kompliet bl-aġenda u mxiet għall-item li jmiss.

## 22.8 Ħitan

22.8.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li f'Triq l-Istazzjon hemm ħajt li jinsab f'kundizzjoni perikoluża u li jista' joħloq riskju għas-sigurtà tar-residenti u ta' dawk li jgħaddu mill-inħawi. Huwa spjega li l-istat tal-ħajt jeħtieġ attenzjoni sabiex jiġi evitat li s-sitwazzjoni tkompli tiddeterjora jew toħloq periklu akbar.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku qal li ser ikun qed jikkuntattja lill-perit tal-Kunsill sabiex issir evalwazzjoni teknika tas-sit u jiġi determinat x'possibbiltajiet hemm biex il-ħajt jiġi rranġat jew assigurat b'mod adegwat. L-għan ewlieni huwa li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqas il-periklu u tiġi żgurata s-sigurtà pubblika fl-inħawi.

Il-Kunsill qabel li għandha ssir din l-evalwazzjoni sabiex, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit, jittieħdu l-passi neċessarji.

## 22.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

22.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 21/2026), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 22.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

22.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu 2026 fis-18:15.

| | |
|---|---|
| FFIRMATA | FFIRMATA |
| Dale Hayman | Shawn Tanti |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |